

31991R3640

14.12.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 344/62

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3640/91
tat-13 ta' Diċembru 1991
li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3537/91 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija fl-intier tagħha jew f'parti minnha msejsa fuqha jew li żżid kull suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati l-miżuri tat-tariffi jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti iridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi l-Kumitat tan-Nomenklatura ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati fin-nomenklatura magħquda skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-13 ta' Diċembru 1991.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER



Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 335, tas-6.12.1991, p. 9.

L-ANNEX

Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-kodiċi tal-klassifika tan-NM	Ir-raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Sett ta' biċċtejn ħwejjeġ ippakkjati flimkien għall-bejgħ bl-innut, li jikkonsisti minn:</p> <ul style="list-style-type: none"> — libsa ħafifa tal-ħajt sintetiku tal-kroxè (bizzilla <i>raschel</i> li jkun fiha disinni dekorattivi li fihom jiddaħħal metall), li tgħatti parti minnaħa ta' fuq tal-ġisem sa eżatt taħt il-qadd, bil-kmiem twal, imkeffa fil-qiegħ tal-libsa u fit-truf tal-kmiem. Il-libsa għandha għonq magħmul minn strixxa tal-bizzilla <i>raschel</i> ta' kulur wieħed li fuq quddiem isallab il-lemin għal fuq ix-xellug sabiex jiffirma linja ta' l-għonq għamla V maqtugħa baxxa ħafna (ara r-ritratt Nru 465 A) ⁽¹⁾ — qalziet qasir ta' l-istess drapp, u kulur il-libsa ta' fuq (ara r-ritratt Nru 465 B) ⁽¹⁾ 	<p>6106 20 00</p> <p>6108 22 00</p>	<p>Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, bin-nota 13 għat-Taqsima XI, is-subintestatura 2 (a) tat-Taqsima XI, in-nota 4 għall-Kapitolu 61 (għall-parti ta' fuq tal-libsa), u bl-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6106 u 6106 20 00, 6108 u 6108 22 00. (Ara wkoll in-Noti ta' Spjega tan-nomenklatura magħquda għall-kodiċi 6106)</p>



⁽¹⁾ Ir-ritratti huma purament indikattivi.